MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2011

Numru 224/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**GASPARE PIERRE CUTAJAR**
**ROSARIA GALEA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Gaspare Pierre Cutajar ta’ 43 sena mwieled Cospicua nhar is-27 ta’ Dicembru 1961 bin Domnic u Odette nee’ Gakosa residenti ‘Hibiskus’ Triq il-Qaliet, Marsascala, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ 35662M

U

Rosaria Galea ta’ 32 sena mwielda Pieta nhar il-4 ta’ Awissu 1972 bint Carmelo u Emmanuela nee’ Gelanze residenti gewwa Block G Entratura C Appartament Nru 8, Triq il-Qalb ta’ Gesu, Il-Birgu detentur ta’ karta tal-identita’ Nru 351172M

Lill-Gaspare Pierre Cutajar wahdu akkuzat:-

Talli b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew mghamula b’rizoluzzjoni wahda kkommetta is-segwenti reati:

1. Bejn it-22 ta’ Jannar u l-24 ta’ Jannar 2005 f’hinijiet differenti gewwa l-ghassa tal-pulizija ta’ San Giljan halef il-falz quddiem ufficjal li inghata is-setgha b’ligi li jaghti il-gurament u dan ai terminu ta’ l-artikoli 108 u 109 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta

2. U aktar talli fl-istess lok, dati u taht l-istess cirkostanzi bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu kien hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza ikunu jistghu il-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra is-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat billi iddenunzja lil pulizija ezekutiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistaw jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan ai terminu ta’ l-artiklu 110 ta’ kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta

3. U aktar talli nhar il-21 ta’ Jannar 2005 u it-22 ta’ Jannar 2005 gewwa San Giljan u l-Isla saq vettura BUZ077 ta’ l-ghamla Hyundai minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni u dan ai terminu ta’ l-artikolu 3 tal-kapitolu 104 tal-ligijiet ta’ Malta

4. U aktar talli nhar il-21 ta’ Jannar 2005 u it-22 ta’ Jannar 2005 u fil-gimghat ta’ qabel gewwa l-Gzejjer Maltin fi bnadi differenti saq l-istess vettura ta’ l-ghamla Hyundai

b'numru ta' registrazzjoni BUZ077 minghajr ma kienet koperta b'licenzja kurrenti mahruga mill-awtorita kompetenti u dan ai terminu ta' l-artikolu 15 tal-kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor, f'xi dokument mahsub ghall-xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal licenzja ta' vettura BBA314 fuq l-imsemmija vettura u cioe Hyundai BUZ077 ai terminu tal-Artikolu 18,185 (2), 186 u 188 tal-Kodici Kriminali, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

6. U aktar talli fl-istess zmenijiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza licenzja ta' vettura BBA314, u dan ai terminu tal-artikolu 187,189 u 338(gg) tal-Kodici Kriminali, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-Artikoli 15, 16, 17, 18, 31 u 91 tal-Ordinanza dwar ir-regolamaneti tat-traffiku, Kap.65 tal-Ligijiet.

7. U aktar talli matul ix-xhur u gimghat ta' qabel il-21 ta' Jannar 2005, f'diversi bnadi gewwa il-gzejjer ta' Malta garr u kien fil-pussess ta' strument li jaqta u bil-ponta u dan ai terminu ta' l-artikolu 13 tal-kapitolu 66 tal-Ligijiet Ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba titratta ma' l-imputat bhala li huwa ricediv u dana wara li kien gie misjub hati mill-Magistrat Dr.A.Micallef Trigona LLD nhar il-4 ta' Dicembru 2003 liema sentenza saret definitive
Il-Qorti giet ukoll mitluba li tordna il-konfiska tal-imsemmija vettura Hyundai BUZ077 bhala parti mill-corpus delicti u dan ai terminu tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

Lill-Rosaria Galea Wahedha akkuzata talli:

Nhar il-21 ta' Jannar 2005, fit-22 ta' Jannar 2005 u fil-gimghat ta' Qabel gewwa San Giljan, l-Isla u fi bnadi ohra tal-Gzejjer Maltin irrendiet ruha komplici billi xjentement ghenet u ippermettiet lill-Gaspare Pierre Cutajar:

1. bil-qerq johloq jew igieghl jidher li donnu kien hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza ikunu jistghu il-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra is-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat billi iddenunzjat lil pulizija ezekutiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistaw jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan ai terminu ta' l-artiklu 42 u 110 ta' kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

2. aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi xjentement ghenet u ippermettiet lill-istess Gaspare Pierre Cutajar sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor, f'xi dokument mahsub ghall-xi awtorita pubblika, meta xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew issottometta taghrif falz, billi wahhal licenzja ta' vettura BBA314 fuq vettura u Hyundai BUZ077 ai terminu tal-Artikolu 42, 18,185 (2), 186 u 188 tal-Kodici Kriminali, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. U aktar talli fl-istess zmenijiet u cirkostanzi xjentement ghenet u ippermettiet lill-istess Gaspare Cutajar jghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikat billi ghamel uzu minn licenzja ta' vettura BBA314, u dan ai terminu tal-artikolu 187,189 u 338(gg) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-Artikoli 42 15, 16, 17, 18, 31 u 91 tal-Ordinanza dwar ir-regolamaneti tat-traffiku, Kap.65 tal-Ligijiet.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MT5 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Gaspare Pierre Cutajar iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza u s-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Gaspare Pierre Cutajar bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Gaspare Pierre Cutajar wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza u s-sitt akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna ghall-Prosekuzzjoni, b'referenza ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Gaspare Pierre Cutajar, iddikjara li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-istess imputat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza migjuba konta l-imputat Gaspare Pierre Cutajar. Inotre l-istess Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna ghall-Prosekuzzjoni, b'referenza ghas-sitt akkuza migjuba kontra l-imputat Gaspare Pierre Cutajar, iddikjara li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-hames akkuza migjuba kontra l-istess imputat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija sitt akkuza migjuba kontra l-imputat Gaspare Pierre Cutajar.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputata Rosaria Galea iddikjarat li hija hatja tal-ewwel akkuza u it-tieni akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata Rosaria Galea bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata Rosaria Galea wiegbet li hija hatja tal-ewwel akkuza u it-tieni akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna ghall-Prosekuzzjoni, b'referenza ghat-tielet akkuza migjuba kontra l-imputata Rosaria

Galea, iddikjara li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-istess imputata u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputata Rosaria Galea.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna iddikjara li minn verifiki li ghamel il-fedini penali rispettivi tal-imputati esebiti fl-atti ta' din il-kawza ghadhom ma nbidlux salv l-imputat Gaspare Pierre Cutajar li fil-mori tal-proceduri tal-kawza odjerna kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat relatat ma' dan il-kaz f'kawza diversament presjeduta.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna ghall-Prosekuzzjoni u Dr Ludvic Caruana ghall-imputat Gaspare Pierre Cutajar iddikjaraw li jaqblu li jkun opportun li rigward l-imputat Gaspare Pierre Cutajar il-Qorti tikkunsidra li tpoggi lill-istess imputat Gaspare Pierre Cutajar taht Ordni ta' Probation sabiex ikun f'posizzjoni li jevita li jaqa' fil-vizzju tad-droga.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Gaspare Pierre Cutajar l-artikoli 17, 31, 18, 110, 185(2), 186, 188, 49 u 50 tal-Kap. 9, l-artikolu 3 tal-Kap. 104, l-artikolu 15 tal-Kap. 65 u l-artikolu 13 tal-Kap. 66 (illum artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta).

Issib lill-imputat Gaspare Pierre Cutajar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza u s-sitt akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna ghall-Prosekuzzjoni u Dr Ludvic Caruana ghall-imputat Gaspare Pierre Cutajar kif riportat aktar qabel f'din is-Seduta, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Gaspare Pierre Cutajar taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li l-imputat ikun assistit biex jevita li jaqa' fil-vizzju tad-droga u sabiex ma jkunx

hemm ripetizzjoni ta' reati simili u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Gaspare Pierre Cutajar ghall-piena ta' elfejn, hames mija u tlieta u sittin Ewro (Ewro 2563) multa.

Rigward l-ewwel akkuza u s-sitt akkuza migjuba kontra l-imputat Gaspare Pierre Cutajar fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward dawn l-imsemmija zewg akkuzi migjuba kontra l-imputat Gaspare Pierre Cutajar kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza u sitt akkuza migjuba kontra l-imputat Gaspare Pierre Cutajar.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Gaspare Pierre Cutajar milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar millum.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order rigward l-imputat Gaspare Pierre Cutajar jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Gaspare Pierre Cutajar.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Gaspare Pierre Cutajar kull sitt (6) xhur.

Rat fil-konfront tal-imputata Rosaria Galea l-artikoli 17, 18, 42, 110, 185(2), 186 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Rosaria Galea, fuq ammissjoni, hatja tal-ewwel akkuza u it-tieni akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imsemmija imputata, tillibera lill-istess imputata Rosaria Galea taht il-Provvediment tal-artikolu

22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputata Rosaria Galea, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna fil-Verbal tas-Seduta tallum dwar din it-tielet akkuza migjuba kontra l-imsemmija imputata Rosaria Galea kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputata Rosaria Galea.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputati Gaspare Pierre Cutajar u Rosaria Galea sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallsu lir-Registratur tal-Qrati fi kwoti ndaqs bejniethom is-somma ta' disa' mija u erbgha u tmenin Ewro u sittin centezmi ta' Ewro (Ewro 984.60) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti fl-Inkjesta li Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. RB1.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna il-konfiska tal-vettura Reg. Nru. BUZ077.
Finalment il-Qorti tat lill-imputat Gaspare Pierre Cutajar l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tat lill-imputata Rosaria Galea l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------